# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju 2020**

**Numru 12**

**Rikors numru 86/11 AL**

**Liliana Grima**

**v.**

**Christopher Grima**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fit-18 ta' Marzu, 2011 l-attriċi talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex:-

> *"i.tiddikjara u tipprounzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.*
>
> *"ii.tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.*

*“iii.tordna illi l-kura u kustodja tal-imsemmi minuri Amy Grima, tigi fdata lill-attrici, salv l-access tal-konvenut illi jigi ezervitat fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabiliti mill-Qorti.*

*“iv.tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigjijiet tal-imsemmi minuri Amy Grima, illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti.*

*“v.tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.*

*“vi.tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).*

*“vii.tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.*

*“vii.tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attrici u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-kommunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti.*

*“ix.tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-kommunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att. Kontestwalment mal-imsemmija likwidazzjoni u divizjoni, il-Qorti hija ukoll mitluba, sabiex bil-ghan illi l-pretenzjonijiet reciproci tal-kontendenti jigu definittivament likwidati f’ gudizzju wiehed tillikwida l-krediti vantati mill-kontendenti kontra xulxin jew kontra l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, ixolji kull kommunjoni ta propjeta` ezistenti bejn il-konjugi tordna l-qasma skond il-Ligi tal-propjeta hekk kommunament posseduta b’ mod illi tali likwidazzjonijiet u divizjonijiet ulterjuri jsiru kontestwalment mal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-gid formanti l-istess kommunjoni tal-akkwisti.*

> *"x.tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attrici flimkien mal-imsemmi bintha minuri Amy, bl-eskluzzjoni tal-konvenut.*
>
> *"xi.tawtroizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha Vassallo;*
>
> *"xii.awtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti".*

2. Il-konvenut wieġeb billi:-

i. Ikkontesta l-allegazzjonijiet li għamlet l-attriċi fil-konfront tiegħu. Żied li martu bdiet iġġib ruħha b'mod mhux konformi mal-atteġġament li għandu jkollha mara miżżewġa.

ii. Ma setax jissaporti iktar l-atteġġjament ta' martu. Tant l-attriċi kienet imdorrija tgħix ħajjitha li inħasdet meta l-konvenut uriha li ma kienx ser jaċċetta iktar dak l-istil ta' ħajja. Il-mewt ta' missieru għenitu jara b'mod ċar dak li kien qiegħed jiġri fiż-żwieġ, u jifhem x'deċiżjonijiet kellu jieħu.

iii. Meta l-konvenut iddeċieda li ma jkomplix jaċċetta l-atteġġament tal-attriċi, bdiet tagħmel minn kollox sabiex ittellfu s-sens tar-raġuni.

iv. Għadu jħallas manteniment għat-tifla. L-attriċi għandha l-introjtu tagħha u f'kull każ ma jistħoqqilhiex li tirċievi manteniment.

v. Jaqbel li l-assi komuni jinqasmu wara li ssir il-likwidazzjoni.

vi. Oppona għall-għaxar talba inkwantu inkompatibbli mat-talba għall-qasma tal-ġid komuni tal-partijiet.

3. B'sentenza tal-21 ta' Marzu, 2019 l-ewwel Qorti ddeċidiet:-

> "*Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

*1. “Tilqa’ l-ewwel talba tal-attriċi billi tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, bi ħtijiet ugwali fil-konfront ta’ xulxin.*

*2. “Tilqa’ t-tieni talba tal-attriċi u konsegwentement tawtorizzaha illi tgħix separatament mill-konvenut żewġha;*

*3. “Tilqa’ limitatament it-tielet talba tal-attriċi billi tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Amy tkun fdata lill-attriċi flimkien mal-intimat, b’dan illi l-minuri tgħix prinċiparjament mal-attriċi u l-intimat ikollu l-aċċess kif stabbilit illum stess fil-kawża fl-ismijiet inversi.*

*4. “Tilqa’ r-raba’ talba tal-attriċi u konsegwentement tordna lill-intimat iħallas lill-attriċi is-somma ta’ tliet mija u għoxrin Ewro (€320) kull erba’ ġimgħat, bħala manteniment għall-minuri Amy, oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tagħha. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista’ jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista’ jipperċepixxi l-intimat. Dan il-manteniment jibqa’ jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta’ tmintax-(18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi full-time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F’każ illi bint il-partijiet tibqa’ tistudja, fuq bażi full-time, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż children’s allowance għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.*

*5. “Tiċħad il-ħames talba tal-attriċi u in vista li fil-mori tal-kawża l-intimat ġie ordnat iħallas manteniment għall-attriċi li ma kinitx intitolata għalih, qiegħda bis-saħħa tal-preżenti, tordna lill-attriċi sabiex tirrifondi lill-intimat is-somma ta’ ħdax-il elf, mitejn u tmenin Ewro (€11,280), mingħajr imgħax. Minn dan l-ammont, jinqata’ kwalsiasi pagament illi l-intimat jonqsu jivversa rappreżentanti sehemu mill-ispejjeż ta’ saħħa u edukazzjoni tal-minuri.*

*6. “Tilqa’ s-sitt talba tal-attriċi u tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti kollha tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.*

*7. “It-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġja ġiet deċiża b’effett tas-sentenza ta’ din il-Qorti mogħtija fid-9 t’Ottubru 2014; Dwar is-seba’, it-tmien, id-disa’ u l-għaxar talbiet tal-attriċi, il-Qorti tiddeċiedi kif ġej:*

*a. “Kull parti iżżomm b’mod esklussiv kwalsijasi kont bankarju, investiment, polza t’assikurazzjoni u ċertifikati ta’ titolu intestati f’isimha;*

*b. “Kull parti iżżomm b’mod esklussiv kwalsijasi vettura rreġistrata f’isimha;*

*c. "Id-dar bl-indirizz "Val d'Amour", Triq il-Qalbenin, Mosta, b'effett mill-preżenti, m'għadhiex tikkostitwixxi id-dar matrimonjali tal-partijiet. Il-Qorti qiegħda tiffissa perjodu perentorju ta' tliet xhur mill-preżenti li fih il-partijiet għandhom jieħdu l-effetti personali tagħhom kollha mid-dar u jiżgumbrawha. Il-Qorti qiegħda taħtar lill-Perit AIC Dr. Robert Musumeci tordnalu sabiex fi żmien l-istess tliet xhur mill-preżenti, iżomm aċċess fuq il-fond, jagħmel valutazzjoni tal-istess fond, fl-istat attwali tagħha u jippreżenta l-istess valutazzjoni tiegħu fl-atti ta' dan il-proċess. Dan bi spejjeż pagabbli ugwalment miż-żewġ partijiet. Id-dar titpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ, bil-prezz minimu tal-bejgħ jkun dak stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess propjeta`, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħha kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Jekk fi żmien sena mill-preżenti, ma jinstabx il-bejgħ tal-propjeta` fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta. Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Sean Critien bħala Nutar Pubbliku sabiex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Christopher Chircop bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi, bi spejjeż tal-istess kontumaċi. Ir-rikavat mill-prezz tal-bejgħ ikun perċepit b'mod ugwali bejn il-partijiet.*

*d. "Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar ġja matrimonjali qegħdin jiġu assenjati lill-attriċi.*

*e. "L-intimat qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi is-somma ta' erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€34,940.60) ġja ekwivalenti għal ħmistax-il elf Lira Maltija, rappreżentanti self mill-attriċi lill-konvenut permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tal-14 ta' Settembru 1999. Imgħax legali jiddekorri fuq din is-somma mit-18 ta' Marzu 2011, data tal-preżentata tal-azzjoni odjerna, sad-29 ta' Ottubru 2014, data meta x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti għadda in ġudikat, favur il-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet. Mit-30 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv, l-imgħax jiddekorri favur Liliana Grima esklussivament.*

*f. "Tiddikjara illi l-ishma tal-attriċi fis-soċjeta` VJM Properties Limited huma parafernali u esklussivament tagħha.*

*g. "Tiddikjara illi kull wieħed mill-partijiet m'għandu l-ebda kreditu parafernali ieħor fil-konfront tal-parti l-oħra jew tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejniethom.*

*8. "Tilqa' l-ħdax-il talba tal-attriċi u tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha Vassallo;*

*9. "Tilqa' t-tnax-il talba tal-attriċi b'dana illi tawtorizzaha tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;*

*10. "Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*"Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandati fl-ismijiet premessi, jiġu sopportati mill-partijiet b'mod ugwali bejniethom.*

*"L-ispejjeż u d-drittijiet Notarili relatati mat-trasferiment tad-dar ġja matrimonjali, ikunu sapportati miż-żewġ partijiet f'ishma ugwali.*

*"L-ispejjeż tal-Avukat Dr. Christopher Chircop nominat iktar 'il fuq f'din is-sentenza għall-eventwali kontumaċi, jitħallsu skont il-liġi".*

4. B'rikors preżentat fl-10 ta' April, 2019 l-attriċi appellat mis-sentenza bl-aggravji jkunu dwar:

i. Ir-responsabbilita` għat-tifrik taż-żwieġ.

ii. Id-dekadenza u l-manteniment għall-attriċi.

iii. Ħlasijiet mill-familja u l-kumpaniji tal-familja tal-attriċi għall-bini tad-dar taż-żwieg.

iv. Id-dar taż-żwieġ.

v. L-ispejjeż tal-kawża.

5. Il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud. Ippropona wkoll appell inċidentali li hu identiku għal dak li ppreżenta fil-kawża **Christian Grima v. Liliana Grima** (Rikors 85/2011/2) deċiż ukoll illum.

6. L-attriċi wieġbet għall-appell inċidentali tal-konvenut u tat ir-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad dak l-appell.

7. Għal dawk li huma fatti prinċipali, huma l-istess li ssemmew fis-sentenza li ngħatat illum fl-appell 85/2011/2.

**Konsiderazzjoni.**

**L-ewwel aggravju – responsabbilita` għall-firda.**

8. Għall-istess raġunijiet li ngħataw fis-sentenza **Christopher Grima v. Liliana Grima** (appell 85/2011/2), il-Qorti ser tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li t-tort għat-tifrik ta' żwieġ u eventwali divorzju għandu jinqasam inkwantu għal tliet kwarti a karigu tal-konvenut u kwart a karigu tal-attriċi.

**It-tieni aggravju - manteniment.**

9. L-attriċi tilmenta li:-

i. L-atteġġjament tagħha ma kienx dak li ta lok għall-firda u għalhekk l-ewwel Qorti kellha tirriżerva l-jedd tagħha għall-manteniment minħabba li bħalissa għandha impjieg;

ii. L-ewwel Qorti ma kellha qatt tordnalha tħallas lura l-manteniment li rċeviet *pendente lite* mill-1 ta' Jannar, 2012 fl-ammont ta' €11,280. Dan meta ma saret l-ebda talba f'dak is-sens u l-konvenut qatt m'allega l-adulterju. Inoltre, m'hemmx prova li l-manteniment tħallas regolarment mill-1 ta' Jannar, 2012. Kieku ried il-konvenut seta` jagħmel talba sabiex pendente lite ma jkomplix iħallas il-manteniment.

10. Dwar il-manteniment fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:-

*"L-intimat jikkontendi illi Liliana Grima għandha tirrifondilu l-manteniment imħallas għaliha personalment. Din il-pretensjoni tiegħu hija sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u mhux fir-rikors ġuramentat. Illi għal din ir-raġuni il-Perit Legali għażel illi jiskartaha. Il-Qorti ma taqbilx.*

*"L-obbligu tal-intimat illi jħallas manteniment versu martu ġie kanonizzat permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fis-27 ta' Mejju 2011 u cioe fil-mori ta' dawn il-proċeduri u mhux qabel inbdew iż-żewġ azzjonijiet. Illi għalhekk kien impossibbli għall-intimat li jitlob rimbors ta' ħlasijiet li lanqas biss ma kienu għadhom ġew ordnati fil-konfront tiegħu.*

*"Illi l-Qorti għandha l-fakolta` illi fis-sentenza finali tagħha, tagħti dawk il-provvedimenti illi jidhrilha xierqa, sabiex temenda jew saħansitra tirrevoka digrieti preċedenti tagħha mogħtija fil-mori tal-istess azzjoni, in vista li mas-sentenza finali jkollha l-provi kollha quddiemha u tkun qiegħda tiddeċiedi b'mod definittiv u mhux għab-bażi ta' prima facie.*

***"Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi bdiet relazzjoni stabbli ma' Malcolm Saliba fil-bidu tas-sena 2012. Illi in vista ta' din ir-relazzjoni stabbli ma' terz, hija ddekadiet mid-dritt tagħha li tipperċepixxi manteniment mingħand żewġha.***

*"Illi l-Qorti tapprezza li l-attriċi sabiex setgħet trabbi lill-minuri Amy, bint il-partijiet, naqqset il-prospetti ta' introjtu tagħha. L-intimat kien jippretendi minnha li ladarba kienet hija il-"part-timer" ċerti bżonnijiet tat-tifla kellha tieħu ħsiebhom hi weħidha. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, hija ma tistax tkun mistennija tivversa somma ugwali għal tiegħu bħala manteniment tal-minuri. Dak li jivversa il-missier f'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jkun superjuri għal dak illi tivversa l-omm, sewwasew għaliex*

*l-omm qiegħda tivversa iktar ħin u attenzjoni versu t-tifla, li dawn ukoll fihom valur, mhux biss morali u emottiv iżda wkoll lukrattiv.*

*"**Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, l-attriċi ma kinitx intitolata għal manteniment għaliha personali mingħand l-intimat.** Filwaqt illi l-manteniment pagabbli mill-intimat għall-minuri kelllu jkun ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) kull erba' ġimgħat oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni.*

*"Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tordna lil Liliana Grima tirrifondi lil Christopher Grima, is-somma ta' mija u għoxrin Ewro (€120) kull erba' ġimgħat, mill-1 ta' Jannar 2012 sad-data tal-preżenti, mingħajr imgħax, u cioe is-somma globali ta' ħdax-il elf, mitejn u tmenin Ewro (€11,280). Minn dan l-ammont, jinqata' kwalsiasi pagament illi l-intimat jonqsu jivversa rappreżentanti sehemu mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri".*

11. L-attriċi għandha parti mill-ħtija. Fis-sentenza tal-lum 85/2011/2 fl-ismijiet **Christopher Grima v. Lilian Grima**, il-Qorti diġa` ikkonfermat li għandu japplika l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. L-attriċi lanqas ma għandha jedd tippretendi li għandu jiġi konservat id-dritt li titlob il-manteniment meta f'qasir żmien wara li tkisser iż-żwieġ, bdiet relazzjoni ma' raġel ieħor u li għadha għaddejja sal-lum. Dan apparti li għandha l-kapaċita` li taqla' l-għixien tagħha u fil-fatt taħdem. Hu ovvju għażla tagħha li taħdem *part-time* għalkemm il-Qorti m'għandhiex dubju li m'hemm xejn milli jżommha milli ssib impjieg *full-time*. Ilum il-ġurnata l-attriċi żgur li ma tistax tuża' bħala raġuni l-fatt li għandha l-kura tal-minuri, meta tikkonsidra l-eta` tagħha.

12. L-Artikolu 46A tal-Kodiċi Ċivili jagħti d-dritt lill-parti fi żwieġ sabiex fi żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull parti titlob mingħand l-oħra somma għall-manteniment.

13. Fil-fatt b'digriet tas-27 ta' Mejju, 2011 (fol. 79) il-qorti ordnat lill-konvenut sabiex proviżorjament iħallas manteniment ta' mitejn euro (€200) kull erba' ġimgħat għal martu. Dan ifisser elfejn u sitt mitt euro (€2,600) fis-sena. Ordni ta' ħlas ta' manteniment *pendente lite* tingħata b'digriet.

14. F'dan il-każ ma jirriżultax li qabel il-kawża tħalliet għas-sentenza il-konvenut talab lill-Qorti sabiex tħassar id-digriet li kienet tat fis-27 ta' Mejju, 2011 u tordna lill-attriċi sabiex tagħtih lura l-flus li ħallas bħala manteniment *pendete lite*.

15. Fl-ordni tal-ewwel Qorti sabiex l-attriċi tħallasu lura s-somma ta' €11,280 ma tissemmiex dispożizzjoni ta' liġi. Il-qorti illimitat ruħha sabiex tgħid li tista' tagħti kull ordni li jidrilha xieraq li jingħata.

16. Jirriżulta li fl-20 ta' Diċembru, 2012 fil-kawża 85/2011 il-konvenut ippreżenta rikors li bih talab lill-Qorti sabiex tordna li m'għandux jibqa' jħallas il-manteniment proviżorju ordnat bid-digriet tas-27 ta' Mejju 2011. It-talba kienet bażata fuq il-fatt li martu kellha relazzjoni ma' raġel ieħor. Fil-fatt mar-rikors ippreżenta kopja tat-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tal-partner tal-attriċi li ngħatat fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012 quddiem il-perit legali. Qal, *"Jiena u Liliana bħalissa ninsabu f'relazzjoni. Niltaqgħu*

*madwar ħames darbiet fil-ġimgħa"*. Imbagħad, *"Mistoqsi jekk hemmx relazzjonijiet intimi bejni u bejn Lilian ngħid illi din hija mistoqsija perosnali u ma nixtieqx nirrispondi għaliha"*. Kien għalhekk ovvju li l-attriċi kellha relazzjoni ma' raġel ieħor. L-attriċi ma qalet xejn dwar dik il-premessa, u llimitat ruħha biex targumenta li l-manteniment li ordnat il-Qorti għat-tifla, ma kienx biżżejjed biex tieħu ħsieb il-bżonnijiet tat-tifla. Madankollu, b'digriet mogħti fil-15 ta' Jannar 2013 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba u fid-digriet illimitat ruħha biex tgħid li rat ir-rikors u t-tweġiba.

17. Saħansitra fid-deċiżjoni il tat fid-9 ta' Ottubru 2014 li biha l-ewwel Qorti ordnat li tieqaf il-komunjoni tal-akkwisti, qalet:

> *"Issir referenza wkoll għax-xhieda ta' Malcolm Saliba is-sieħeb il-ġdid tal-intimata li jghid illi kemm-il darba jiltaqa' mal-istess intimata u li naturalment sar jaf ukoll il-familjari tal-istess intimata pero` bħal fil-każ tax-xhieda ta' Sharon Cross xejn ma jitfa' dawl fuq il-kwistjoni odjerna"*.

18. Madankollu fil-mori tal-kawża l-Qorti xorta ma ħassritx id-digriet li bih ordnat lill-konvenut biex iħallas lill-attriċi manteniment *pendente lite*. M'għandux ikun li wara dawk is-snin kollha li damu pendenti l-proċeduri, parti titqiegħed f'pożizzjoni li trid tħallas il-manteniment kollu li rċeviet *pendente lite* iktar u iktar meta l-ordni li ngħatat fis-sentenza finali kienet bażata fuq il-fatt li l-attriċi kellha *partner* minn Jannar 2012. Fatt li kien magħruf lill-Qorti meta l-konvenut ippreżenta r-rikors tas-27 ta' Mejju 2011 sabiex ma jkomplix iħallas manteniment lill-attriċi.

19. Dan apparti li ż-żwieġ ma tkissirx minħabba l-fatt li l-attriċi bdiet relazzjoni ma' Saliba, iżda għar-raġunijiet l-iktar imputabbli lill-konvenut.

20. Hu biss fl-Artikolu 25 tal-Kodiċi Ċivili, li l-liġi tikkontempla l-għoti lura ta' manteniment li jkun tħallas proviżorjament;

> *"(1) Meta jkun hemm talba għall-manteniment, il-qorti tista', waqt li tkun għadha miexja l-kawża, tikkundanna lill-konvenut biex jagħti lill-attur* ***il-manteniment provviżorju f'somma li tkun biżżejjed għall-ħwejjeġ l-aħtar meħtieġa għall-ħajja****, iżda dan kemm-il darba l-konvenut ikun biċ-ċar wieħed minn dawk illi, jekk ikollhom minn fejn, huma mil-liġi fid-dmir li jagħtu l-manteniment lill-attur.*
>
> *"(2) Jekk f'dan il-każ it-talba għall-manteniment tiġi miċħuda, il-konvenut ikollu l-jedd jitlob mingħand l-attur innifsu, jew mingħand il-persuna li jkollha d-dmir tagħti l-manteniment lil dak l-attur, ir-radd bl-imgħax ta' kull somma li jkun ħallas"*.

21. Pero` dik id-dispożizzjoni qiegħda fis-Sub-titolu II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili li jitratta *"Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxendenti, Aħwa, u xi Qraba oħra bi Żwieġ"*, li m'huwiex il-każ li għandna quddiemna.

22. Dan apparti li ma jirriżultax li l-Qorti għamlet xi verifiki sabiex tiddetermina jekk il-manteniment tħallasx kollu, qabel ordnat lill-attriċi sabiex tħallas lill-konvenut is-somma ta' ħdax-il elf mitejn u tmenin ewro (€11,280).

23. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ser tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li biha ordnat lill-attriċi sabiex tħallas lill-konvenut is-somma ta' €11,280.

**<u>It-tielet aggravju – ħlasijiet mingħand il-familja għall-bini tad-dar matrimonjali.</u>**

24. L-attriċi ssostni li l-familja tagħha ħallset is-somma ta' €167,242.95 sabiex tlestiet id-dar taż-żwieġ. Spejjeż li qalet li kellhom jitħallsu mill-konvenut. L-attriċi targumenta:-

> *"Il-Liġi u l-ġurisprudenza trid illi l-avvanzi illi saru mill-familjari tal-appellanti – missierha pesonalment jew permezz tal-kumpaniji tiegħu* ***<u>– jitqiesu bħala avvanzi parafernali tal-appellanti u li bihom l-appellanti hija kkreditata kontra l-benefiċjarju f'każ tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, jew koproprjeta` oħra rilevanti</u>****".*

25. Għalkemm l-attriċi qalet li dik hi l-pożizzjoni skont il-liġi u ġurisprudenza mingħajr ma semmiethom.

26. F'dan ir-rigward il-parti rilevanti tas-sentenza tal-ewwel Qorti hi s-segwenti:-

> *2. "Dwar xi krediti li jista' għandu r-raġel fuq ħlasijiet li għamel għad-dar matrimonjali, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi dawn il-ħlasijiet twettqu in adempiment tal-ftehim bejn il-partijiet u missier l-attriċi u cioe illi filwaqt illi huwa jagħti lilhom it-tnejn b'donazzjoni l-art li fuqha inbniet id-dar matrimonjali, ikun l-intimat waħdu li jħallas għall-bini tal-dar u l-benefikati kollha tagħha. Illi b'hekk l-intimat m'għandux ikun rimborsat għall-ħlasijiet li wettaq.*
>
> *3. "L-attriċi targumenta illi effettivament hi u missierha xorta waħda ħarġu ħafna mill-ispejjeż neċessarji għall-bini u għat-tlestija tad-dar matrimonjali. Tesebixxi diversi dokumenti in sostenn ta' dan u titlob li hija tkun rimborsata l-ammonti mħallsa minn missierha.* ***Sfortunament għall-attriċi, il-Qorti għandha quddiemha kawża bejnha u bejn Christopher Grima. Missierha u l-kumpaniji tiegħu m'humiex parti f'din il-kawża u din il-Qorti m'hijiex il-forum kompetenti biex tordna lill-intimat jirrifondi ħlasijiet lis-sur Joseph Vassallo jew kumpaniji tiegħu.*** *Il-provi jindikaw illi l-ħlasijiet ma sarux minn Liliana personalment iżda minn missierha personalment jew VB*

*Developments Limited. Filfatt l-elenku fol. 1180 huwa intestat: Payments from Dad's Company VB Development Limited; dak fol. 1186 : dad's personal cheque book; u dak fol. 1187 Deposits in Chris Account V.B. Developments Limited. Għalhekk skont il-liġi huma Joseph Vassallo jew VB Developments Limited jew l-aventi causa tagħhom li jistgħu jittentaw jirkupraw dawn il-fondi mingħand l-intimat.*

*"M'hemmx dubju li llum, with the benefit of hindsight, il-familja Vassallo tqis bħala żball min-naħa tagħha il-mod kif twettqu dawn il-pagamenti u wkoll kif l-art ġiet donata liż-żewġ partijiet u mhux lil Liliana weħidha. Il-Qorti pero` hija tenuta timxi mal-liġi korrenti tal-pajjiż u mhux li tipporteġi xi parti jew oħra. Min ried ikun protett kien fid-dmir li jikseb parir legali biex seta` jipproteġi ruħu ferm aħjar.*

*"Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda, anke hawn, tafferma l-konklużjoni tal-Perit Legali illi l-attriċi ma tistax f'dan il-forum tingħata rimbors għall-ispejjeż kollha elenkati minħabba minkejja illi dawn ilaħħqu ammonti sostanzjali.*

*4. "Dwar is-self ta' ħmistax-il elf Lira Maltija (Lm15,000) minn Liliana Grima ġja Vassallo lil Christopher Grima, dan huwa ikkonfermat permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tal-14 ta' Settembru 1999 u debitament insinjat fir-Reġistru Pubbliku. Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali dwar il-modalita` tal-ħlas tal-imgħax dekorribbli fuq l-imsemmija somma u ċioe: mit-18 ta' Marzu 2011, data tal-preżentata tal-azzjoni odjerna, sad-29 ta' Ottubru 2014, data meta x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti għadda in ġudikat, favur il-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet. Mit-30 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv, l-imgħax jiddekorri favur Liliana Grima esklussivament".*

27. Kuntrarjament għal dak li qalet l-attriċi m'hemmx provi li għamlet xi spejjeż.

28. Hu fatt li mill-provi irriżulta li kien hemm spejjeż li saru minn missierha (Joseph Vassallo) u l-kumpanija tal-familja VB Developments Limited. B'daqshekk ma jfissirx b'daqshekk li kif qiegħda ssostni l-attriċi, dawk l-ispejjeż huma *"avvanzi parafernali tal-appellanti u li bihom l-appellatti hija kkreditat kontra l-benefiċjarju"*.

29. Il-Qorti ma taqbel xejn mar-raġunament tal-attriċi. Qabel iż-żwieġ, il-partijiet ingħataw donazzjoni tal-art li fuqha eventwalment inbniet id-dar (kuntratt tal-14 ta' Settembru 1999). Kuntratt li saret korrezzjoni tiegħu b'kuntratt ieħor tal-31 ta' Jannar 2000 (fol. 83). L-attriċi xehdet (affidavit tal-20 ta' Frar, 2015):

> *"7) Wara xi sentejn li konna flimkien, bdejna naħsub għal post, missieri offrilna li jagħtina l-art u l-ftehim kien li Chris kellu jħallas il-binja pero` dan ma ġarax minħabba li Chris ma kellux biżżejjed flus biex titlesta l-binja kollha u għalhekk kellu jerġa' jinvolvi ruħu missieri, sewwa fil-bini, kif ukoll fil-'finishes' tad-dar.* ***Missieri xtaq, pero`, illi jkun hemm kuntratt li permezz tiegħu, Chris intrabat illi jħallas ħmistax-il elf lira (Lm15,000) bl-interess fl-eventwalita' illi ma nibqawx f'relazzjoni*** *(Dok. A)".*

30. Jekk l-affarijiet ġraw kif irrakkontat l-attriċi, hu evidenti li l-obbligazzjoni li kellu l-konvenut kienet biss ta' kreditu favur l-attriċi fis-somma ta' Lm15,000 (€34,940.60). Somma li l-ewwel Qorti qalet li l-attriċi għandha jedd għaliha, u dwar dik il-parti tas-sentenza m'hemmx appell.

31. Giuseppe Vassallo, kien xhud tal-attriċi. Meta xehed ma qalx li kellu xi pretensjoni kontra l-partijiet jew il-konvenut waħdu. Lanqas ma kkonferma li dawk l-ispejjeż kellhom jitqiesu li huma xi kreditu parafernali tal-attriċi fil-konfront tal-konvenut.

32. Rilevanti li fin-nota ta' sottomissjonijiet li ippreżentat l-attriċi (ara l-parti intestata *"6) Avvanzi tal-esponenti fil-beni u l-abbelliment tad-dar*

*konjugali"*) ma semmietx li s-somma li qiegħda tippretendi, hu kreditu li għandha kontra l-konvenut. L-argument li għamlet kien:

> *"b. L-esponenti ressqet provi illi hija u missierha ħarġu somom kbar ta' flus sabiex id-dar taż-żwieġ tinbnena. L-ammonti hekk maħruġa kienu jeċċedu bil-bosta dak illi kien ħareġ l-attur. Il-perit legali għandu jillikwida dawn is-somom illi b'kollox jammontaw għal Lm67,075.10 illum €156,242.95.* ***Dawn il-versamenti tal-esponenti u ta' missierha saru għaliex l-attur ma setax iħallas u saru minflok ħallas hu. Minn sehemu tal-valur tad-dar, l-attur irid irodd din is-somma lill-esponenti <u>u lil missierha</u>****".*

33. Evidentement, l-argument li sar fir-rikors tal-appell kien *after thought* li m'għandux bażi. Il-fatt li l-intenzjoni oriġinali meta l-partijiet ingħataw id-donazzjoni kienet li l-ispejjeż tal-bini jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut, il-fatt li l-parti l-kbira ta' spejjeż tħallsu minn missier l-attriċi u VB Developments Limited, ma jfissirx li b'daqshekk l-attriċi għandha kreditu għal dawk l-ispejjeż.

34. L-ewwel Qorti sewwa qalet li jekk hemm xi terzi jippretendu li għandhom xi jedd dwar ħlasijiet li saru biex inbniet id-dar konjugali, kellhom iressquhom f'proċeduri *ad hoc* u żgur mhux f'kawża li m'humiex parti fiha. Dan apparti li l-kontendenti iżżewwġu fil-15 ta' Ġunju, 2002 u m'hemmx provi li missier l-attriċi jew VB Developments Limtied qatt ippretendew li jitħallsu tal-ispejjeż li setgħu saru fir-rigward tad-dar matrimonjali.

**<u>Ir-raba' aggravju – dar taż-żwieġ.</u>**

35. L-aggravju jitratta dik il-parti tas-sentenza li biha l-attriċi qiegħda tilmenta li l-ewwel Qorti ordnat li l-partijiet għandhom jiżgumbraw mill-fond matrimonjali fi żmien tliet xhur u jipprovaw isibu bejgħ fi żmien sena, u fin-nuqqas kull parti tista' titlob il-bejgħ b'liċitazzjoni u jinqasam ir-rikavat.

36. L-attriċi tilmenta li d-deċiżjoni tal-qorti ser twassal sabiex:

i. Il-konvenut jieħu benefiċċju kbir wara li nefaq ftit li xejn fit-tlestija tad-dar;

ii. Hu inġust li t-tifla, li għexet ħajjitha kollha fid-dar, ikollha toħroġ minnha;

iii. Għalkemm il-Qorti għandha s-setgħa li tordna l-bejgħ tad-dar matrimonjali u r-rikavat jinqasam, pero` dak biss meta tkun sodisfatta li ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa. Qabel tat l-ordni, il-qorti kellha tikkonsidra x'ser isir mill-attriċi u bintha meta jiġu żgumbrati fi żmien tliet xhur;

iv. L-ordni ta' żgumbrament setgħet tingħata biss fuq talba ta' xi parti;

v. L-attriċi invokat ukoll l-Artikolu 55A(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili;

vi. Minħabba r-raġunijiet li ssemmew preċedentement, m'huwiex ġust li r-rikavat jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

37. Il-parti rilevanti tas-sentenza tal-ewwel Qorti hi din:-

> *"Għajr għal valur espress mill-attrici Liliana Grima, ta' EUR 600,000, ebda parti ma pproduċiet valutazzjoni ta' dan l-immobbli. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk l-esponenti qiegħed jirrakkomanda li jiġi maħtur perit tekniku sabiex jistma dan l-immobbli bl-ispiża relattiva tkun sopportata f'ishma ugwali bejn il-kontendenti. Sussegwentement din il-proprjeta`` għandha tinbiegħ. Jirrizulta li diga` kien hemm tentattivi sabiex din il-proprjeta`` tinbiegh waqt dawn il-proceduri u gh alhekk l-esponenti huwa tal-fehma li ghandu jkun hemm zmien qasir ta' mhux aktar minn sitt xhur li matulu l-kontendenti għandhom jippruvaw ibiegħu din il-proprjeta`` fis-suq miftuħ. Fin-nuqqas ta' bejgh din il-proprjeta`` ghandha tigi liċitata. Ir-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet".*

38. Għaldaqstant, fir-rigward tad-dar taż-żwieġ il-Qorti ordnat hekk:-

- L-attriċi għandha toħroġ mid-dar fi żmien tlett xhur mis-sentenza;
- Innominat lill-perit Robert Musumeci sabiex fi żmien tlett xhur jagħmel stima tal-fond;
- Il-partijiet ingħataw perjodu ta' sena sabiex ibiegħu l-fond fis-suq miftuħ. Għalkemm fil-konsiderazzjonijiet jissemmew sitt (6) xhur, fil-parti dispożittiva jissemma terminu ta' sena;
- Jekk il-fond ma jinbiegħx f'dak it-terminu ta' sena, il-fond jinbiegħ b'liċitazzjoni;

39. Jibda biex jingħad li d-dar matrimonjali hi koproprjeta` tal-kontendenti f'sehem ugwali. Irrispettivament minn kemm il-konvenut nefaq flus fil-bini tad-dar, hu sid ta' nofs indiviz mill-fond. Dwar dan

m'hemmx bżonn li l-Qorti tirrepeti dak li diġa` qalet fir-rigward tal-aggravju preċedenti.

40. Għalkemm l-attriċi qalet li l-konvenut qatt ma talab li tiġi żgumbrata mid-dar, hu fatt li oġġezzjona għall-għaxar talba tagħha li hi sabiex tkompli tgħix fid-dar matrimonjali flimkien mat-tifla, bl-esklużjoni tiegħu.

41. Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-fatt li t-tifla trabbiet fid-dar, għandha twassal sabiex l-attriċi tkompli tgawdi l-fond. Dan meta tqies l-eta` tal-minuri, u m'hemmx prova waħda li l-eżekuzzjoni tal-ordni tal-ewwel Qorti twassal għal xi impatt negattiv fuq it-tifla.

42. L-attriċi qalet li m'għandhiex fejn tmur tgħix. Pero` jirriżulta li kien hemm diġa` tentattivi sabiex id-dar tinbiegħ. Dan apparti li l-attriċi stess fil-kontro-eżami kienet qalet li fis-sajf tal-2014 kienet qiegħda tgħix ġewwa villeġġatura fil-Qawra. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-attriċi għandha l-mezzi sabiex ikollha akkomodazzjoni alternattiva meta tqis kemm hi qrib tal-familja tagħha u missierha hu negozjant tal-proprjeta`. Dan apparti li l-provi juru li l-attriċi ilha mis-sena 2012 f'relazzjoni fissa ma' Malcolm Saliba u llum diġa` għaddew tmien snin.

43. Il-Qorti tosserva wkoll kif f'nota tad-9 ta' Frar 2017 li l-konvenut ippreżenta fil-kawża 85/2011, iddikjara li *"Bħala fatt l-attriċi tirrisjedi*

*band'oħra flimkien mas-sieħeb tagħha"*. Għalkemm l-attriċi ppreżentat nota fis-17 ta' April 2017, ma qalet xejn dwar dak id-dikjarazzjoni ta' żewġha.

44. Ikun floku li fil-parti l-kbira tal-perjodu li fiha l-partijiet ingħataw l-opportunita' sabiex ibiegħu d-dar fis-suq miftuħ, id-dar tkun vojta. B'hekk jiġi aċċertat li ma jkunx hemm ostakoli bla bżonn biex il-fond jinbiegħ fis-suq miftuħ fejn jista' jġib l-aħjar prezz.

45. Jekk id-dar tinbiegħ fl-*open market*, l-attriċi altru milli ser ikollha biżżejjed flus sabiex tixtri fond alternattiv. Konklużjoni li l-Qorti tasal għaliha meta tikkonsidra li l-attriċi tippretendi li l-valur tad-dar hu ta' €600,000 (nota preżentata fit-12 ta' April 2011 a fol. 23).

46. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li kienet ippreżentat fl-ewwel Qorti, l-attriċi tagħti x'tifhem li kienet qiegħda tipproponi li l-ewwel Qorti tapplika l-Artikolu 55A(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili li jagħti l-poter lill-Qorti sabiex tassenja d-dar taż-żwieġ lill-parti, li jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert. Fir-rikors tal-appell tidher li għamlet l-istess talba inkwantu talbet sabiex *".... d-dar bl-indirizz Val d'Amour, Triq il-Qalbenin Mostin, tiġi assenjata lill-appellanti u tordna lill-appellat jersaq għall-att relattiv ta' trasferiment....."*.

47. Madankollu f'dan il-każ m'hemmx stima tad-dar minn persuna indipendenti, u l-attriċi lanqas spjegat kif f'dik l-eventwalita' tkun tista' tħallas lill-konvenut. Ovvjament m'hemm xejn x'iżomm lill-partijiet milli jaslu fi ftehim. Dan iktar u iktar meta tikkonsidra li fin-nota ta' sottomissjonijiet (14.9.2018) il-konvenut iddikjara li jaqbel mal-valur ta' €600,000 li tat l-attriċi u kompla li, *"M'hemm xejn li jostakola sabiex il-partijiet jaqblu għal darb'oħra dwar il-valur korrenti"* (kawża 85/2011).

48. L-attriċi argumentat li ma kien hemm l-ebda talba relatata mad-dar taż-żwieġ (Artikolu 55A). Madankollu d-disa' talba tar-rikors ġuramentat taqra:-

> *"ix. Kontestwalment mal-imsemmija likwidazzjoni u diviżjoni, il-Qorti hija wkoll mitluba, sabiex bil-għan illi l-pretenzjonijiet reċiproċi tal-kontendenti jiġu definittivament likwidati f'ġudizzju wieħed tillikwida l-krediti vantati mill-kontendenti kontra xulxin jew kontra l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, **ixolji kull komunjoni ta' proprjeta` eżistenti bejn il-konjuġi tordna l-qasma skont il-Liġi tal-proprjeta` hekk komunement posseduta b'mod illi tali likwidazzjonijiet u diviżjonijiet ulterjuri jsiru kontestwalment mal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-ġid formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti**"*.

49. Id-dar taż-żwieġ hi komunjoni ta' proprjeta` li għandhom il-partijiet bejniethom.

**Ħames aggravju – spejjeż ġudizzjarji**.

50. L-attriċi ilmentat minħabba li l-ewwel Qorti ikkundannata tħallas nofs l-ispejjeż ġudizzjarji, meta kien żewġha li telaq mid-dar u kien

żewġha li pprecipita l-proċeduri sabiex idaħħal il-valur ta' dak li kien irċieva b'donazzjoni mingħand il-familjari tal-attriċi, l-art li fuqha inbniet id-dar matrimonjali. Għalhekk m'għandha tbati xejn mill-ispejjeż ġudizzjarji.

51. L-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-partijiet f'sehem ugwali.

52. Dawn ovvjament għandhom jinqasmu skont it-tortijiet rispettivi tal-partijiet, cioe` tliet kwarti (¾) a karigu tal-konvenut u kwart (¼) a karigu tal-attriċi.

**<u>Appell Inċidentali – l-ishma fil-kumpanija VJM Properties Limited</u>**.

53. Il-konvenut ilmenta dwar trasferiment ta' ishma li sar lill-kumpanija VJM Properties Limited matul iż-żwieġ. Isostni li l-ishma m'humiex parafernali tal-mara iżda tal-komunjoni tal-akkwisti.

54. Dwar dik il-kumpanija l-ewwel Qorti qalet:

> *"1. L-ishma ta' VJM Properties Limited – Jirriżulta ampjament ċar mill-provi prodotti, partikolarment mix-xiehda ta' Claudette Fenech rappreżentanta ta' Malta Financial Services Authority, illi s-soċjeta VJM Properties Limited ġiet fis-seħħ b'riżultat ta' merger bejn tliet kumpaniji oħra u ċioe MJV Investments Limited, J & M Holdings Limited u V.B. Developments Limited. Illi l-intimata kellha l-ishma f'dawn il-kumpaniji sa minn qabel iż-żwieġ u b'hekk l-ishma fil-kumpanija VJM Properties Limited, fil-fehma tal-Qorti, baqgħu parafernali tal-intimata. Illi b'hekk l-attur m'għandu l-ebda sehem minn dawn l-ishma".*

55. Kien hemm tliet kumpaniji MJV Investments Limited (C11517), J & M Holdings Limited (C7784) u VB Developments Limited (C3379) li b'effett mit-3 ta' Ġunju, 2005 ġew amalgamati fil-kumpanija VJM Properties Limited. L-attriċi kellha 125 sehem f'kull waħda mill-kumpaniji MJ Investments Limited u VB Developments Limited. Ishma li kienu parafernali.

56. Skont il-ftehim tal-merger:-

> *"The share exchange ratio is 1:1 and the shares that will be issued in the new company to the shareholders of the merging companies will be equal to the number of shares which each shareholder of the merging companies holds in those companies, after surrendering the share of the companies which will be struck off without being wound up to the remaining shareholders pro-rata"*.

57. Ukoll jekk wieħed kellu jagħti raġun lill-konvenut fis-sens li dawk l-ishma daħlu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti b'applikazzjoni ta' paragrafu (e) tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili, skont l-istess dispożizzjoni l-attriċi għandha l-jedd li *"tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dak il-beni"*. Mhemm l-ebda prova li l-ishma li ġew allokati lill-attriċi mar-reġistrazzjoni tal-kumpanija l-ġdida (3 ta' Ġunju 2005) żiedu jew naqsu fil-valur minn dak li kellhom l-ishma li kellha fiż-żewġ kumpaniji fuq imsemmija. Għalhekk f'kull każ għandha kreditu minħabba l-ishma li kellha fiż-żewġ kumpaniji fuq imsemmija, u mhux ser jagħmel differenza jekk dawk l-ishma humiex parafernali jew parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

L-ishma fil-kumpanija VJM Properties Ltd għandhom jibqgħu allokati lill-attriċi u l-konvenut m'għandu l-ebda jedd fuq l-istess.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċiedi:-

1. Sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq dwar l-appell inċidentali:

i. Tilqa' parzjalment l-ewwel aggravju tal-attriċi u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li t-tort għat-tifrik taż-żwieġ u eventwali divorzju għandu jinqasam inkwantu għal tlett kwarti (¾) a karigu tal-konvenut u kwart (¼) a karigu tal-attriċi.

ii. Tilqa' t-tieni aggravju limitatament fir-rigward tas-somma ta' ħdax-il elf mitejn u tmenin euro (€11,280) li l-ewwel Qorti ikkundannat lill-attriċi tħallas lura lill-konvenut, u minflok tħassar dik l-ordni.

iii. Tiċħad it-tielet u raba' aggravji.

iv. Tordna li l-ispejjeż tal-ewwel stadju jinqasmu fis-sehem ta' tliet kwarti (¾) a karigu tal-konvenut u kwart (¼) a karigu tal-attriċi. Dan japplika wkoll għar-rapport tal-perit legali, filwaqt li l-ispejjeż tal-perit li ser jagħmel stima tal-fond għandhom jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet. L-ispejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs minħabba li hemm aggravji li dwarhom l-attriċi ma ngħatatx raġun.

2. Tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut bl-ispejjeż kollha kontrih.

3. Salv għal dak li ngħad hawn fuq, tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb